# WARA RAQDA FIL-BUSKETT FL-IMNARJA

*Ta'* Manwel Cassar

Hawnhekk fejn qalb is-siġar smajt l-għannejja
Iħanxru il-għanjiet tradizzjonali
Fuq ferħ u diq l-imħabba, fuq l-inkejja,
Fuq ħidma u bhejjem, fuq mistrieħ u għali,

Fejn fuq is-sodda tal-ħaxix, bi ħdejja
Il-grillu jnegħ'sni minn ġol-palm fil-għoli,
Irqadt għall-Qamar sħiħ li dawlu lejja
Bħala bews fietel u fiddien tefagħli,

Hawnhekk fhimt x'kien hemm moħbi f'dik il-ħrara
Li kebbset qlub iż-żingari mgħoddija
Biex tfittex il-miftuħ u tħalli darha,

Għaliex il-lum inħoss li fit-tħollija
Tal-għagħa tal-bnedmin hemm il-fawwara
Li tisqi 'l-qalb bil-għana u bit-thennija.

29. 6. 53.